MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2009

Numru 800/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**
**vs**

**SANDRO (ALEXANDER GEORGE) SCHEMBRI ADAMI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Sandro (Alexander George) Schembri Adami ta' 44 sena, bin Franz u Yvonne nee' Brincat, imwieled Attard fil-25 ta' Awissu 1963, u li joqghod f'Numru 201, Flat Numru 1, Triq l-Ifran, Valletta. Detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 488863M.

Billi gie akkuzat:

a. talli f'Gunju 2006, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzwjjer appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Vincent Pace, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

b. talli f' Jannar 2007, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzwjjer appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mijau digha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Jason Cassar u Marcon Cassar, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet f'data lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi u kaz, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' Vincent Pace, Jason Cassar u Marcon Cassar.
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 138 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi u kaz, ikkommetta talli reati, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu

jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni

fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 138, 141, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Sandro (Alexander George) Schembri Adami fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Sandro (Alexander George) Schembri Adami ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Sandro (Alexander George) Schembri Adami jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 10 u 140 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat Sandro (Alexander George) Schembri Adami interdizzjoni generali ghal zmien hames (5) snin millum.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija talba kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Sandro (Alexander George) Schembri Adami l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti a tenur tal-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna illi s-sentenza tal-kundanna ghall-interdizzjoni generali moghtija f’din il-kawza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u ghaldaqstant tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghal fini ta’ tali pubblikazzjoni.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 382A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------